**17 ta' Frar, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmel magħruf bħala Charles Farrugia

### *Ragion Fattasi*

*L-elementi kostitutti vi tar-reat ta'* ragion fattasi *taħt l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huma erbgħa u ċjoe`:*

*(i) Att estern li jispolja lil xi ħadd minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta ta' dan il-ħaddieħor; (ii) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eserċizzju ta' dritt; (iii) il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel di* privato braccio *dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika; u (iv) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Carmel magħruf bħala Charles Farrugia talli f'Ħal Qormi fis-16 ta' Awissu, 1994 u fil-granet ta' wara, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita` jedd li jippretendi li għandu, ħa mill-kamra tan-nar ta' San Bastjan ġewwa Wied il-Kbir u żamm fil-pussess tiegħu makkinetta tal-mili tal-funtani;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-20 ta' Settembru, 1994 li biha dik il-Qorti sabet lill-imputat ħati u kkundannatu multa ta' tletin lira (Lm30);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmel *sive* Charles Farrugia, minnu ppreżentat fit-3 ta' Ottubru, 1994 li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza u l-konsegwenti liberazzjoni tiegħu minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni kollha f'din il-kawża tirrigwarda biċċa apparat użat fix-xogħol tan-nar, jiġifieri tal-logħob tan-nar u li jisejjaħ "makkinetta tal-milli tal-funtani". Dan l-apparat, frott tal-ġenju pirotekniku Malti, jikkonsisti f'diversi biċċiet, inkluża virga u lembut u kien ġie kkumissjonat mill-appellant mingħand ċertu Anthony Busuttil. Dana Busuttil ħadem il-partijiet tal-plastik, pero' ċerti partijiet li kellhom ikunu tal-metall - il-lembut u l-virga - kienu ġew maħduma minn żewġ persuni oħra. Din il-makkinetta għall-mili tal-funtani kien jużaha l-appellant fix-xogħol tan-nar li huwa kien jagħmel għall-kamra tan-nar ta' San Bastjan u anke kien iżomm l-istess makkinetta fil-kamra jew kmamar fejn kien jinħadem il-logħob tan-nar, pero' meta, wara xi disgwid żgħir ma' l-Għaqda tan-Nar ta' San Bastjan, l-appellant ma baqax jaħdem xogħol tan-nar għall-festa ta' dan il-qaddis hu qabad din il-makkinetta u ħadha d-dar;

L-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant hi kjarament dik ta' *ragion fattasi* taħt l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali. L-elementi kostituttivi ta' dana r-reat huma, kif diversi drabi ritenut fil-ġurisprudenza tagħna, erbgħa u ċjoe' (1) att estern li jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew presunta, ta' dan il-ħaddieħor; (2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eserċizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika (jew fi kliem il-Crivellari, **Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc.**, Torino, 1895, Vol. VI, paġna 749, "la persuasione di fare da se' cio' che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato"); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija *vs* Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Diċembru, 1957, Vol. XLI.IV.1506);

Issa, mill-kumpless tal-provi, ma jistax jingħad li l-ewwel element ġie sodisfaċentement ippruvat. Infatti ma jirriżultax li meta l-appellant ħa (flimkien ma' għodda oħra) il-makkinetta mill-kamra tan-nar fejn kien iżommha huwa kien qiegħed ifixkel lil xi ħadd (senjatament lill-Għaqda tan-Nar ta' San Bastjan) fil-pussess ta' din il-makkinetta, għax din il-makkinetta kienet dejjem fil-pussess ta' l-appellant u fil-pussess tiegħu biss u kien hu biss li jużaha. Fi kliem ieħor, l-att estern minnu magħmul, anke jekk magħmul kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta ta' l-imsemmija Għaqda ma kienx qiegħed iċaħħad lil din l-Għaqda mit-tgawdija tal-makkinetta, għax l-Għaqda kienet tgawdi proprjament mhux il-makkinetta iżda x-xogħol li hu kien jagħmel b'din il-makkinetta. F'dan il-każ setgħu talvolta jikkonfiguraw ir-reati ta' serq jew ta' approprjazzjoni indebita limitatament għall-lembut u għall-virga, liema lembut u virga l-appellant kien jaf li mhumiex tiegħu (tant li in segwitu ried iroddhom lura) u li ma kellu ebda dritt iżommhom, iżda kien xorta waħda qabad u ħadhom id-dar meta kien spiċċa minn ma' l-Għaqda; iżda l-appellant qatt ma ġie akkużat b'dawn ir-reati. Għalhekk, ġalabdara ma jirriżultax l-ewwel element tar-reat ta' *region fattasi* kif hawn aktar 'il fuq imfisser, din il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn tidħol fl-elementi l-oħra tar-reat in eżami;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka - sentenza appellata u tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u piena.